PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

5.2.2014

B7-0141/2014 }
B7-0142/2014 }
B7-0143/2014 }
B7-0144/2014 }
B7-0155/2014 }
B7-0160/2014 } RC1

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:
ECR (B7-0141/2014)
ALDE (B7-0142/2014)
S&D (B7-0143/2014)
Verts/ALE (B7-0144/2014)
PPE (B7-0155/2014)
EFD (B7-0160/2014)

dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja
(2014/2531(RSP))

**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Elmar Brok, Mairead McGuinness, Cristian Dan Preda, Ria Oomen-Ruijten, Krzysztof Lisek, Roberta Angelilli, Arnaud Danjean, Tokia Saïfi, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Francisco José Millán Mon, Alf Svensson, Jarosław Leszek Wałęsa, Monica Luisa Macovei, Marietta Giannakou, Anna Ibrisagic, Michèle Striffler, Eduard Kukan, Laima Liucija Andrikienė, Michael Gahler, Davor Ivo Stier, Tunne Kelam, György Schöpflin, Andrzej Grzyb, Nadezhda Neynsky, Elena Băsescu, Andrej Plenković, Salvador Sedó i Alabart, Marco Scurria**

f'isem il-Grupp PPE

**Véronique De Keyser, Libor Rouček, Pino Arlacchi, Ricardo Cortés Lastra, Saïd El Khadraoui, Ana Gomes, Richard Howitt, Liisa Jaakonsaari, Maria Eleni Koppa, David Martin, María Muñiz De Urquiza, Raimon Obiols, Pier Antonio Panzeri, Joanna Senyszyn, Boris Zala**

f'isem il-Grupp S&D

**Annemie Neyts-Uyttebroeck, Sarah Ludford, Ramon Tremosa i Balcells, Graham Watson, Kristiina Ojuland, Louis Michel, Marielle de Sarnez, Marietje Schaake, Johannes Cornelis van Baalen, Izaskun Bilbao Barandica, Hannu Takkula, Alexander Graf Lambsdorff**

f'isem il-Grupp ALDE

**Isabelle Durant, Margrete Auken, Raül Romeva i Rueda, Judith Sargentini, Ulrike Lunacek, Nikos Chrysogelos, Rui Tavares, Hélène Flautre, Malika Benarab-Attou**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Charles Tannock, Ryszard Antoni Legutko, Tomasz Piotr Poręba, Ryszard Czarnecki**

f'isem il-Grupp ECR

**Jacek Olgierd Kurski, Jacek Włosowicz, Zbigniew Ziobro**

f'isem il-Grupp EFD

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja (2014/2531(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar is-Sirja, b'mod partikolari dawk tal-20 ta' Jannar 2014, wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar is-Sirja,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Catherine Ashton, dwar is-Sirja, b'mod partikolari r-rimarki tagħha fil-Konferenza ta' Ġinevra II dwar is-Sirja tat-22 ta' Jannar 2014 kif ukoll id-dikjarazzjoni tagħha dwar id-deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Koalizzjoni tal-Oppożizzjoni Sirjana li tattendi l-Konferenza ta' Ġinevra II tat-18 ta' Jannar 2014;

– wara li kkundsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2118 tas-27 ta' Settembru 2013 dwar il-qerda tal-armi kimiċi tas-Sirja; wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Investigazzjoni ta' Allegazzjonijiet dwar l-Użu ta' Armi Kimiċi fir-Repubblika Għarbija Sirjana, ippubblikat fit-12 ta' Diċembru 2013,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Kummissarju għall-Kooperazzjoni Internazzjonali, l-Għajnuna Umanitarja u r-Reazzjoni għall-Kriżijiet, Kristalina Georgieva, dwar is-Sirja,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tal-24 ta' Settembru 2013 dwar id-deterjorament kontinwu u gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sitwazzjoni umanitarja fir-Repubblika Għarbija Sirjana,

– wara li kkunsidra s-sitt Rapport tal-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta Indipendenti tan-NU dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana tal-11 ta' Settembru 2013,

– wara li kkunsidra l-Communiqué Finali tal-Grupp ta' Azzjoni għas-Sirja (il-'Communiqué ta' Ginevra') tat-30 ta' Ġunju 2012, wara li kkunsidra l-laqgħa ta' Ġinevra II varata fit-22 ta' Jannar 2014 u r-rimarki ta' ftuħ u konklużjoni mis-Segretarju Ġenerali tan-NU,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

– wara li kkunsidra l-obbligi internazzjonali tas-Sirja, inklużi l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Economiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokoll Fakultattiv ta' magħha dwar l-Involviment tat-Tfal f'Kunflitti Armati, u l-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 u l-protokolli addizzjonali għalihom,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-vjolenza fis-Sirja qed tkompli teskala u l-għadd ta' mwiet qed jiżdied il-ħin kollu; billi, skont in-Nazzjonijiet Uniti, mindu bdiet ir-ripressjoni vjolenti kontra dimostranti paċifiċi fis-Sirja, inqatlu aktar minn 130 000 ruħ, li l-biċċa l-kbira minnhom kienu ċivili; billi, skont l-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinament tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA), huwa stmat li 9 miljun ruħ jeħtieġu l-għajnuna umanitarja ġewwa s-Sirja, fosthom aktar minn 6.5 miljun ruħ li sfaw spustati internament, u li hemm aktar minn 2.3 miljun rifuġjat Sirjan, l-aktar fit-Turkija, il-Ġordan, il-Libanu, l-Eġittu u l-Iraq;

B. billi s-sitwazzjoni drammatika tad-drittijiet tal-bniedem, umanitarja u tas-sigurtà qed tkompli teħżien; billi d-drittijiet tal-bniedem qed jinkisru fuq skala kbira mir-reġim ta' Assad u mill-gruppi estremisti li jappoġġjaw lir-reġim, inkluż b'massakri u qtil illeċitu ieħor, arresti arbitrarji u detenzjonijiet illeċiti, ħtif ta' ostaġġi, għajbien furzat, eżekuzzjoni ta' priġunieri, tortura u maltrattament sistematiċi, vjolenza sesswali u vjolazzjonijiet tad-drittijiet tat-tfal; billi r-reġim Sirjan qered kwartieri sħaħ, b'politika ta' kastig kollettiv fir-rigward taċ-ċivili; billi l-qerda fuq skala kbira ta' żoni urbani wasslet għal disprament u għal espulsjonijiet sinifikanti taċ-ċittadini;

C. billi hemm evidenza ta' eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji sommarji kif ukoll ta' forom oħra ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn gruppi li jopponu r-reġim ta' Assad; billi hemm sa 2 000 fazzjoni differenti li qed jitqabdu kontra r-reġim ta' Assad, fosthom bosta elementi tal-kriminalità organizzata; billi qed tiżdied il-preżenza u l-infiltrazzjoni ta' gruppi militanti marbuta ma' Al-Qaeda, bħall-ISIL u Jabhat al-Nusra, li wkoll iħaddnu bosta ġellieda barranin u mill-UE li għandhom aġenda Iżlamista radikali; billi r-radikalizzazzjoni hija periklu kbir fir-reġjun;

D. billi l-indħil dejjem jikber minn atturi barranin, il-fornimenti militari u s-sostenn politiku tagħhom, kif ukoll il-persistenza ta' qasmiet fil-komunità internazzjonali, inkluż fil-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-kunflitt qed jibdluh fi gwerra bi prokura;

E. billi fotografu li ħarab mis-servizz tal-pulizija militari Sirjana għadda lill-Moviment Nazzjonali Sirjan 55 000 ritratt diġitali ta' madwar 11 000 vittma, ritratti li jagħtu x'wieħed jifhem li r-reġim qed iwettaq ksur wiesa' u sistematiku tad-dritt umanitarju internazzjonali; billi grupp internazzjonali ta' esperti ġuridiċi ta' livell għoli eżaminaw ir-ritratti u kkonkludew li, mill-materjal eżaminat, jirriżulta li hemm evidenza ċara, li tista' tiġi aċċettata bħala awtentika minn qorti tal-ġustizzja, ta' tortura u qtil sistematiċi ta' detenuti mill-aġenti tal-gvern Sirjan u li tali evidenza tirfed kostatazzjoni ta' delitti kontra l-umanità u tista' wkoll tirfed kostatazzjoni ta' delitti tal-gwerra;

F. billi l-kriżi vjolenti fis-Sirja rriżultat f'katastrofi umanitarja fuq skala mingħajr preċedent fl-istorja riċenti, li t-tmiemha għadu ma jidher imkien; billi aktar minn nofs ta' dawk affettwati huma tfal li qed isofru minn ġuħ estrem, nuqqas ta' ikel sustanzjuż u mard; billi n-nuqqas ta' aċċess għall-ikel, l-ilma, il-kura tas-saħħa bażika, l-iġjene, il-kenn u l-edukazzjoni jikkostitwixxi aspett kritiku ta' din il-katastrofi umanitarja; billi t-tqassim ta' għajnuna

umanitarja qed jiġi ostakolat min-nuqqas ta' sigurtà, miċ-ċaħda ta' aċċess min-naħa tal-awtoritajiet Sirjani u minn ostakoli infrastrutturali;

G. billi l-560 000 rifuġjat Palestinjan fis-Sirja jikkostitwixxu grupp partikolarment vulnerabbli affettwat mill-kunflitt; billi 250 000 Sirjan huma maqbuda f'żoni assedjati jew ta' aċċess diffiċli, inklużi 18 000 rifuġjat Palestinjan fil-kamp ta' Yarmouk barra Damasku li qed iħabbtu wiċċhom ma' tbatija tal-massa, b'rapporti li 57 ruħ fosthom mietu bil-ġuħ; billi, wara l-eżitu tan-negozjati rigward il-kamp ta' Yarmouk f'Damasku, xi għajnuna tqassmet lir-residenti tiegħu, għalkemm għad hemm bżonn wisq aktar;

H. billi l-vjolenza kontinwa kellha effett drammatiku ta' destabilizzazzjoni fuq il-pajjiżi ġirien, notevolment minħabba l-flussi ta' mases ta' rifuġjati; billi dawn il-pajjiżi qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' sfidi interni tremendi tagħhom stess, bil-Libanu u l-Ġordan f'qagħda partikolarment vulnerabbli; billi kwalunkwe deġenerazzjoni f'kunflitt vjolenti fil-Libanu mhux biss thedded kriżi umanitarja, iżda wkoll tqajjem il-periklu ta' kollass reġjonali;

I. billi l-Konferenza ta' Ġinevra II dwar is-Sirja nfetħet mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-22 ta' Jannar 2014 bil-għan li tintlaħaq soluzzjoni politika għall-kunflitt permezz ta' ftehim komprensiv bejn il-Gvern Sirjan u l-oppożizzjoni għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Communiqué ta' Ġinevra, li appella għall-ħolqien ta' gvern ta' tranżizzjoni li jwassal sabiex isiru elezzjonijiet; billi l-parteċipazzjoni kostruttiva tal-atturi rilevanti kollha fil-proċess tal-paċi hija kruċjali għall-ilħiq ta' soluzzjoni politika dejjiema; billi, fit-18 ta' Jannar 2014, l-Assemblea Ġenerali tal-Koalizzjoni Sirjana tal-Forzi Revoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni ddeċidiet li taċċetta l-istedina biex tipparteċipa f'dan il-proċess, iżda bosta gruppi rebelli ma kinux rappreżentati; billi l-Iran kien mistieden għall-konferenza li saret fl-Isvizzera, iżda mbagħad l-istedina ġiet irtirata; billi n-negozjati ġew sospiżi fil-31 ta' Jannar 2014 u l-fażi ta' taħditiet li jmiss hija ppjanata għall-10 ta' Frar 2014; billi l-ġlied għadu għaddej waqt it-taħditiet ta' Ġinevra II;

J. billi fil-15 ta' Jannar 2014 it-Tieni Konferenza Internazzjonali ta' Impenji Finanzjarji għas-Sirja saret fil-Kuwajt u fiha nġabru impenji ta' USD 2.4 biljun, imma din is-somma għadha mhix biżżejjed biex tkopri l-ħtiġijiet umanitarji enormi, li diversi korpi tan-NU stmaw li jilħqu USD 6.5 biljun; billi l-finanzjament totali tal-UE għall-għajnuna umanitarja lis-Sirja u l-pajjiżi ġirien laħqet EUR 1.1 biljun;

K. billi għadd kbir ta' attivisti tas-soċjetà ċivili, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, intellettwali, persunaġġi reliġjużi, fosthom żewġ isqfijiet, ġurnalisti u professjonisti mediċi huma soġġetti għal fastidju, arrest, tortura jew għajbien min-naħa tar-reġim Sirjan, u dejjem aktar, ukoll, min-naħa tal-bosta gruppi ribelli; billi r-rebbieħa tal-Premju Sakharov tal-2011, Razan Zeitouneh, inħatfet flimkien ma' żewġha u ma' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem oħra f'Damasku f'Diċembru 2013, u sal-lum il-ġurnata ħadd ma jaf x'sar minnhom;

L. billi fit-12 ta' Diċembru 2013 l-Missjoni ta' Investigazzjoni dwar Allegazzjonijiet tal-Użu ta' Armi Kimiċi fir-Repubblika Għrbja Sirjana kkonkludiet li armi kimiċi kienu ntużaw kontra suldati u/jew ċivili, fosthhom tfal, fl-2013; billi fis-27 ta' Settembru 2013 r-riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurta tan-NU 2118(2013) ġiet adottata unanimament, li fost l-oħrajn approvat il-qerda rapida tal-programm Sirjan tal-armi kimiċi, li għandha tkun intemmet sat-

30 ta' Ġunju 2014; billi sal-lum biss 5 % tal-ħażna totali tal-armi ġew ikkonsenjati għall-qerda 'l barra mill-pajjiż; billi, madankollu, il-maġġoranza enormi ta' mwiet u ferimenti huma kkawżati minn armi konvenzjonali; billi, f'dawn l-aħħar xhur, krietel mimlija bl-isplussivi ntużaw fuq skala kbira mir-reġim ta' Assad, u kkawżaw għadd kbir ta' mwiet u ferimenti;

M. billi talbiet għall-asil fl-UE minn Sirjani komplew jiżdiedu tul is-sena li għaddiet, u billi l-kriżi tar-rifuġjati Sirjani tikkostitwixxi l-ewwel prova għas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil li għadha kemm ġiet riveduta;

N. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2013, il-Parlament Ewropew ħeġġeġ lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-ħtiġijiet akuti billi jipprovdu dħul sikur fl-UE b'tali mod li jħallu lil Sirjani jidħlu temporanjament u bir-risistemazzjoni, minbarra l-kwoti nazzjonali eżistenti u permezz tal-ammissjoni umanitarja;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-vjolazzjonijet mifruxa tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali min-naħa tar-reġim ta' Assad, inkluż kull att ta' vjolenza, tortura sistematika u eżekuzzjoni ta' priġunieri; jikkundanna kwalunkwe abbuż tad-drittijiet tal-bniedem u vjolazzjoni tad-dritt umanitarju internazzjonali minn gruppi armati li jopponu r-reġim ta' Assad; jikkundanna bil-qawwa l-vjolazzjonijiet u l-abbużi kollha mwettqa kontra tfal u nisa, speċjalment abbużi sesswali u vjolenza, inkluż f'isem il-Ġiħad (Jihad Al-Nikah); jikkundanna bil-qawwa t-tkattir ta' attakki terroristiċi li wasslu għal bosta mwiet u ferimenti u atti ta' qerda mwettqa minn organizzazzjonijiet u individwi estremisti assoċjati ma' Al-Qaeda; jappella għat-tmiem tal-ġlied kollu fis-Sirja; jenfasizza li jeħtieġ li dawk responsabbli għall-vjolazzjonijiet mifruxa, sistematiċi u goffi tad-drittijiet tal-bniedem li seħħew fis-Sirja jinżammu responsabbli u jitressqu quddiem il-qrati, u jappoġġja s-sejħa tal-UE biex il-ġellieda barranin kollha, inkluż il-Hezbollah, jirtiraw immedjatament, u biex jintemm kull finanzjament u sostenn minn barra;

2. Iwassal il-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi; jifraħ lill-poplu Sirjan għall-kuraġġ tiegħu, u jtenni s-solidarjetà tiegħu mat-taqbida tal-poplu Sirjan għal-liberta, id-dinjita u d-demokrazija;

3. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-involviment li dejjem qed jikber ta' gruppi estremisti Iżlamisti u barranin fil-kunflitt fis-Sirja, l-intensifikazzjoni ta' vjolenza abbażi ta' reliġjon jew etniċità fil-pajjiż, u l-frammentazzjoni u d-diviżjonijiet interni kontinwi fi ħdan l-oppożizzjoni; jibqa' jħeġġeġ lill-Koalizzjoni Nazzjonali ta' Forzi Revoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni Sirjani biex toħloq front ta' oppożizzjoni aktar magħqud, inklussiv u organizzat, sew internament kif ukoll esternament;

4. Jappoġġja bis-sħiħ il-Konferenza ta' Ġinevra II dwar is-Sirja, li għandha tkun l-ewwel pass fi proċess li se jwassal għal soluzzjoni politika u demokratika tal-kunflitt, u jisħaq fuq l-importanza fundamentali li l-proċess ta' Ġinevra II jinżamm għaddej; jilqa' l-isforzi tal-Mibgħut Speċjali tan-NU Lakhdar Brahimi li ppermettew din l-ewwel interazzjoni diretta bejn il-partijiet li qed jiġġieldu kontra xulxin; huwa konvint li soluzzjoni dejjiema għall-kriżi attwali fis-Sirja tista' tintlaħaq biss permezz ta' proċess politiku inklussiv immexxi mis-Sirjani u mirfud mill-komunità internazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa għal tranżizzjoni politika ġenwina fil-pajjiż, biex b'hekk tiġi indirizzata l-aspirazzjoni tan-nies għal-libertà u d-

demokrazija; itenni s-sejħa tiegħu biex il-President Assad iwarrab;

5. Jieħu nota tal-importanza kruċjali li għandhom f'dan il-kuntest miżuri intiżi biex isaħħu l-fiduċja; iħeġġeġ lid-delegazzjonijiet li qed jinnegozjaw, għalhekk, biex jaqblu dwar u waqfien mill-ġlied fil-livell lokali u jimplimentawh, il-waqfien ta' assedji f'ċerti żoni urbani, fosthom Homs, ir-rilaxx jew l-iskambju ta' priġunieri u l-iffaċilitar tal-aċċess umanitarju għaċ-ċivili li jinsabu fil-bżonn, bħala passi lejn negozjati sostantivi abbażi tal-Communiqué ta' Ġinerva; jieħu nota li, matul l-ewwel diskussjonijiet, ma rriżulta l-ebda avvanż serju jew bidla maġġuri fil-pożizzjoni ta' kull parti; jieħu nota wkoll tal-importanza li l-atturi internazzjonali ewlenin kollha kkonċernati jkunu involuti fil-proċess ta' Ġinevra II; huwa tal-fehma li tqarrib fit-tul bejn il-pożizzjonijiet tal-Punent u tal-Iran jista' jipproduċi kuntest reġjonali li jiffavorixxi l-proċess ta' rikonċiljazzjoni fis-Sirja;

6. Jilqa' l-progress u l-kooperazzjoni internazzjonali rigward il-qerda tal-armi kimiċi tas-Sirja, u jappella għall-implimentazzjoni sħiħa tad-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni tal-Armi Kimiċi tas-27 ta' Settembru 2013; Huwa mħasseb dwar rapporti li, sal-aħħar ta' Jannar 2014, biss 5 % tal-ħażna ta' armi kimiċi tas-Sirja kienu ġew ikkonsenjati barra mill-pajjiż għall-qerda, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Sirjani biex jirrispettaw l-iskeda ta' żmien stabbilita fir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013); jitlob li s-sikurezza ambjentali tingħata attenzjoni partikolari fil-proċess tal-qerda u l-ġestjoni tal-iskart iġġenerat; jenfasizza, madankollu, li l-maġġoranza enormi tal-imwiet u l-ferimenti li ġraw fil-kriżi vjolenti fis-Sirja ikkawżawhom l-armi konvenzjonali;

7. Jenfasizza li, fid-dawl tal-iskala mingħajr preċedent tal-kriżi, it-taffija tas-sofferenza ta' miljuni ta' Sirjani li għandhom bżonn prodotti u servizzi bażiċi għandha tkun prijorità għall-UE u għall-komunità internazzjonali kollha kemm hi; jitlob riżoluzzjoni umanitarja urġenti tal-Kunsill tas-Sigurta tan-NU dwar dan is-suġġett; jistieden b'mod partikolari lir-Russja u liċ-Ċina, bħala membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, sabiex jerfgħu r-responsabbiltajiet tagħhom u jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni umanitarja; iħeġġeġ mill-ġdid lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jonoraw ir-responsabbilitajiet umanitarji tagħhom u jżidu l-assistenza tagħhom lir-rifuġjati Sirjani, kif ukoll jikkoordinaw l-isforzi tagħhom b'mod aktar effikaċi f'dan il-qasam; jikkundanna t-tfixkil konsistenti ta' tentattivi ta' tqassim tal-għajnuna umanitarja u jitlob lil l-partijiet kollha involuti fil-kunflitt, u b'mod partikolari r-reġim ta' Assad, jiffaċilitaw il-forniment ta' għajnuna u assistenza umanitarja b'kull mezz possibbli, inkluż bil-qsim tal-fruntieri u l-linji ta' kunflitt, u jiżguraw is-sikurezza tal-persunal mediku kollu u l-ħaddiema umanitarji kollha;

8. Ifakkar li, skont id-dritt umanitarju internazzjonali, jeħtieġ li l-midruba u l-morda jirċievu l-kura medika u l-attenzjoni meħtieġa għall-kundizzjoni tagħhom, sal-aktar punt prattikabbli u bl-anqas dewmien possibbli; jisħaq fuq il-fatt li l-ikkawżar deliberat ta' ġuħ fost iċ-ċivili u l-attakki fuq il-faċilitajiet tas-saħħa huma pprojbiti bid-dritt internazzjonali u li dawn l-atti se jitqiesu bħala delitti tal-gwerra;

9. Itenni l-appell tiegħu għat-twaqqif ta’ postijiet ta’ rifuġju tul il-fruntiera bejn it-Turkija u s-Sirja, u possibilment fis-Sirja nfisha, u għall-ħolqien ta’ kurituri umanitarji mill-komunità internazzjonali;

10. Jappella għar-rilaxx immedjat, inkondizzjonat u sikur tal-priġunieri politiċi, persunal mediku, ħaddiema umanitarji, ġurnalisti, personalitajiet reliġjużi u attivisti tad-drittijiet tal-bniedem kollha,inkluża r-rebbieħa tal-Premju Sakharov tal-2011 Razan Zeitouneh, u jitlob azzjoni koordinata tal-UE għar-rilaxx tagħha; jitlob li l-partijiet kollha jiżguraw is-sikurezza tagħhom; iħeġġeġ lill-Gvern Sirjan jagħti aċċess immedjat u mingħajr restrizzjonijiet lill-korpi internazzjonali ta' dokumentazzjoni għall-faċilitajiet ta' detenzjoni kollha li għandu, inkluż lill-Kummissjoni ta' Inkjesta tan-NU dwar is-Sirja;

11. Jikkundanna l-intimidazzjonijiet u l-attakki kontra attivisti paċifiċi u ġurnalisti; jiddispjaċih dwar l-eżistenza taċ-ċensura tal-internet u l-aċċess limitat għall-blogs u n-netwerks soċjali; ifakkar li s-salvagwardja tal-libertà tal-espressjoni, il-ħarsien tal-ġurnalisti u settur tal-midja liberu u indipendenti huma elementi fundamentali fil-proċess politiku demokratiku; jenfasizza wkoll l-importanza tat-tisħiħ tal-atturi tas-soċjetà ċivili fis-Sirja, u tal-parteċipazzjoni attiva u sinifikanti tan-nisa, iż-żgħażagħ u r-rappreżentati tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' Ġinevra II u fir-rikostruzzjoni tal-pajjiż;

12. Jenfasizza li huwa importanti li l-atturi kollha jagħtu protezzjoni lil gruppi partikolarment vulnerabbli fis-soċjetà Sirjana, bħall-minoranzi etniċi u reliġjużi, inklużi l-Insara, fil-kriżi attwali, u li jieħdu sehem fil-proċess ta' Ġinevra II, bil-ħsieb li tinżamm it-tradizzjoni ta' koeżistenza interkulturali, interetnika u interreliġjuża fil-pajjiż għal Sirja ġdida tal-ġejjieni;

13. Jitlob li tiġi adottata politika ta' tolleranza żero fir-rigward tal-qtil, il-ħtif u r-reklutaġġ ta' tfal b'mod partikolari, u jitlob li l-partijiet kollha fil-kunflitt jrrispettaw bis-sħiħ ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1612 (2005) tas-26 ta' Lulju 2005 dwar it-tfal u l-kunflitti armati; jissottolinja wkoll l-importanza tal-prevenzjoni ta' atti ta' vjolenza sesswali jew ibbażata fuq il-ġeneru u l-għoti ta' appoġġ xieraq lill-vittmi; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' programmi ta' reazzjoni bikrija għall-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru (GBV); jilqa' wkoll l-inizjattiva "L-ebda Ġenerazzjoni Mitlufa" tan-NU u s-sħab umanitarji tagħha, li hija intiża sabiex tfejjaq il-feriti tat-tfal Sirjani u tippreserva l-futur tagħhom, u jħeġġeġ lill-UE biex tappoġġja din l-inizjattiva b'mod attiv;

14. Jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni tar-rifuġjati Palestinjani fis-Sirja, u b'mod partikolari s-sitwazzjoni umanitarja allarmanti fil-kamp tar-refjuġati ta' Yarmouk; jitlob li l-partijiet kollha involuti fil-kunflitt jagħtu lill-Aġenzija tan-NU għall-Assistenza u x-Xogħlijiet għar-Rifġjati Palestinjani fil-Lvant Qarib u lil organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali oħra aċċess immedjat u inkondizzjonat għal dan il-kamp, bil-għan li jtaffu s-sofferenza estrema tal-popolazzjoni tiegħu;

15. Jibqa' jsostni x-xogħol tal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana, stabbilita mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU , u jtenni l-appell tiegħu sabiex il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jirreferi s-sitwazzjoni fis-Sirja lill-Qorti Kriminali Internazzjonali għal investigazzjoni formali; jitlob li l-Viċi President/Rappreżentant Għoli (VP/RGħ) tieħu azzjoni f'din id-direzzjoni;

16. Ifaħħar lill-komunitajiet ospitanti u lill-pajjżi ġirien tas-Sirja, b'mod partikulari il-Ġordan, il-Libanu, it-Turkija u l-Iraq u l-Eġittu, tal-inġenjożità tagħhom fl-għoti ta' kenn u għajnuna umanitarja lill-familji li ħarbu mill-kunflitt armat fis-Sirja; itenni t-tħassib serju tiegħu dwar

l-impatt umanitarju, soċjali, ekonomiku, politiku u ta' sigurtà tal-kriżi Sirjana fuq ir-reġjun kollu, speċjalment fuq il-Libanu u l-Ġordan; ifakkar li reazzjoni koeżiva hija meħtieġa għas-sostenn tal-pajjiżi ospitanti, inkluża l-assistenza umanitarja, ta' żvilupp u makrkoekonomika, u jtenni t-talbiet tiegħu biex l-UE tlaqqa' konferenza umanitarja dwar il-kriżi tar-rifuġjati Sirjani, bi prijorità għal azzjonijiet diretti lejn pajjiżi ospitanti fir-reġjun b'tali mod li jingħataw appoġġ fl-isforzi tagħhom biex jospitaw popolazzjonijiet dejjem jikbru ta' rifuġjati u jżommu politika ta' bibien miftuħa;

17. Jenfasizza l-kriżi fis-Sirja ttirrikjedi approċċ koerenti komuni mill-UE u mill-Istati Membri tagħha fil-qasam tal-forniment ta' għajnuna umanitarja u lilhinn minnu, u jkompli jappoġġja lill-VP/RGĦ Catherine Ashton u lill-Kummissarju Kristalina Georgieva fl-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw koordinament aħjar f'dan il-qasam;

18. Jilqa' l-USD 2.4 biljun f'impenji li nġabru fil-Kuwajt, u jistieden lid-donaturi biex iwettqu l-wegħdiet tagħhom u jikkonkretizzaw dawn l-impenji bil-ħeffa; jilqa' l-impenji li saru mill-UE u mill-Istati Membri tagħha, bħala l-akbar donatur f'termini ta' għajnuna finanzjarja u impenji futuri; josserva, madankollu, li hemm bżonn ta' sforzi sinifikanti ulterjuri sabiex il-bżonnijiet umanitarji fis-Sirja jiġu ssodisfati , u jitlob, għalhekk, kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn atturi internazzjonali;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Mibgħut Speċjali tan-NU/Lega Għarbija għas-Sirja, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Iraq, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Ġordan, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Libanu, lill-Parlament u lill-Gvern tat-Turkija, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Eġittu, lill-Parlament u lill-Gvern tar-Russja, lill-Parlament u lill-Gvern taċ-Ċina, u lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt fis-Sirja.